**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 12 ta` April 2016**

**Kawza Nru. 2**
**Citaz. Nru. 13/06 JZM**

**Noel Pisani u martu Joanne Pisani detenturi rispettivament tal-Karti ta` l-Identita` 368765M u 91868M f`isimhom proprju kif ukoll bhala diretturi u ghan-nom tas-socjeta` Pisani Lights Company Limited (C-16916)**

***kontra***

**Adam Bartolo (ID 484978M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-6 ta` Jannar 2006 li taqra hekk :–

*Peress illi l-konvenut huwa proprjetarju tal-fond 25 illum 66, Triq Dun Nerik Cordina Perez Hamrun ;*

*Peress illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond adjacenti mal-fond ta` l-istess konvenut bl-indirizz 26 illum 64, "Pisani Lights", Triq Dun Nerik Perez, Hamrun;*

*Peress li l-konvenut esegwixxa u/jew qabbad persuni sabiex jesegwixxi xogholijiet ta` appalt fil-fond 25 illum 66, Triq Dun Nerik Perez Hamrun ;*

*Peress illi l-atturi sofrew danni fit-telf tan-negozju mill-fond Pisani Lights, 64, go Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun minhabba l-fatt li kellhom ihallu n-negozju maghluq ghaz-zmien kollu bejn l-4 ta` Gunju 2004 sa Dicembru 2004, u kif ser jigi muri tul is-smigh tal-kawza u dan b`tort u kagun tal-konvenut ;*

*Peress ukoll illi l-atturi kellhom jonfqu spejjez kemm ghar-rimpjazzament ta` oggetti minnhom mixtrija mill-hanut stante li ssaddew u/jew ma humiex aktar tajbin ghall-uzu, kemm ta` kera ta` hanut alternattiv, u spejjez ohra inkluz ta` transport, spejjez ta` perit u spejjez ohra, relatati direttament minhabba l-gheluq tal-hanut proprjeta` ta` l-istess atturi ;*

*Peress ukoll li l-istess atturi sofrew danni f`telf tal-avvjament ta` l-istess fond ;*

*Ighidu l-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi l-ghala din il-Qorti m`ghandhiex :-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi sofrew danni konsistenti f`telf ta` negozju mill-fond Pisani Lights, 64, Triq Dun Nerik Perez, Hamrun, kif ukoll hsarat fl-istruttura tal-hanut taghhom, rimpjazzament ta` oggetti minnhom mixtrija ghall-hanut li ssaddew u/jew ma humiex tajbin aktar ghall-uzu, ta` kera ta` hanut alternattiv, spejjez ta` transport, spejjez ta` perit u spejjez ohra, b`tort u negligenza tal-konvenuti nkluz telf ta` profitt u danni ohra kif fuq spjegat.*

*2. Tillikwida jekk hemm bzonn bl-opera ta` periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi b`konsegwenza ta` dan ix-xoghol li gie esegwit mill-konvenut u/jew minn persuni nkarigati mill-istess konvenut.*

*3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni inkluz bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-15 ta` Lulju 2004, u l-imghax legali wara li tigi likwidata s-somma hekk likwidata.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, il-lista tax-xhieda ndikati minnu, u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat id-dokumenti li l-atturi pprezentaw b`nota tat-2 ta` Mejju 2006,

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet li kienet prezentata fit-16 ta` Mejju 2006 li taqra hekk :–

*Fl-ewwel lok illi l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tal-atturi Noel u Joanne konjugi Pisani stante li ma ghandu ebda rapport guridiku maghhom.*

*Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti m`huwiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi skond in-natura u l-entita` ta` l-istess danni kif minnhom pretizi fl-att tac-citazzjoni.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, il-lista tax-xhieda ndikati minnu, kif ukoll l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti man-nota tal-eccezzjonijiet.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta` Novembru 2006 fejn innominat lill-Perit Godwin Abela bhala espert tekniku sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta` l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x`jaqsmu mal-kaz.

Rat l-atti tal-procediment kif kondott mill-espert tekniku, inkluz il-provi li ngabru.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-espert tekniku fis-6 ta` Mejju 2013 u li kkonferma l-kontenut taghha bil-gurament quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta` Lulju 2013.

Rat id-domandi bil-miktub li pprezentaw l-atturi fid-19 ta` Awissu 2013 ghall-eskussjoni tal-espert tekniku.

Rat ir-risposti bil-miktub li pprezenta l-espert tekniku fis-26 ta` Settembru 2013 u li kkonferma bil-gurament tieghu fid-9 ta` Dicembru 2013.

**Rat l-ordni moghtija mill-Onor. Prim` Imhallef fis-16 ta` Jannar 2014 fejn din il-kawza giet assenjata sabiex tkompli tinstema` u tigi deciza minn din il-Qorti kif presjeduta.**

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat il-provvediment illi tat fl-udjenza tat-12 ta` Frar 2015.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-14 ta` Mejju 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Ix-xiehda

**Joseph Pisani** – **missier l-attur** – xehed illi l-attur ghandu negozju li huwa gestit mill-fond 64 (gia` 20) Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun. Il-fond jikkonsisti minn sular mat-triq b`zewgt ikmamar, u ohra wara xulxin, u zewgt ikmamar ohra fuq it-triq, oltre zewg entraturi separati.

Kompla jghid illi f`Gunju 2004, l-attur avzah li kien hemm xriek li beda jixxaqqaq u li kien waqa` xi trab fil-hanut. Ighid illi mar fil-fond u sab li s-saqaf kien jidher li qed ihoss. Mar perit darbtejn fis-sit, peress li l-ewwel darba kien inqasam xi xriek iehor.

Qal illi fil-fond tal-konvenut kienu qed isiru xi xogholijiet filwaqt li kien qed jintuza l-hanut mill-attur.

Qal illi minhabba x-xoghol ta` twaqqiegh li kien qed isir fil-fond tal-konvenut, l-attur kellu jbattal il-hanut u mar go post iehor fil-Hamrun stess.

Stqarr illi quddiem il-hanut tal-attur, kien hemm l-ingenji konnessi ma` x-xoghol ta` kostruzzjoni bhal cranes, balja tal-konkos ; in partikolari, l-access ghall-hanut tal-attur inghalaq bis-saqajn ta` crane li ngieb fis-sit.

Qal illi fuq struzzjonijiet tal-perit ta` l-attur kellhom jitpoggew twavel fuq is-saqaf bhala protezzjoni, izda dawn qatt ma tpoggew, ghalkemm il-konvenut kien mar jibdel ix-xorok li kienu nkisru.

Fisser illi l-ingenji l-kbar damu fis-sit ghal madwar sitt xhur.

Huwa kompla jispjega li wara li nghata s-saqaf tal-konkos fit-tieni sular, dahal l-ilma.

Stqarr illi f`Gunju 2004 saret laqgha bejn il-Perit Michael Attard u l-Perit Mario Grech li kien il-perit ta` l-konvenut. L-attur u hu kienu prezenti ghal din il-laqgha. Il-periti qablu li jissewwa x-xriek u jsiru t-twavel fuq is-saqaf tax-xriek bhala protezzjoni. Il-ftehim kien li l-konvenut jaghti struzzjonijiet lill-haddiema tieghu sabiex jaghmlu t-twavel. Il-konvenut baqa` ma ghamel xejn. Meta kellem lil missier il-konvenut, dan qallu li kien talab lill-haddiema sabiex jaghmlu t-twavel izda baqghu ma ghamlu xejn.

Fisser illi in segwitu waqa` kantun fil-hanut tal-attur u saret aktar hsara.

Qal illi meta waqa` dan il-kantun, rega` mar il-Perit Attard li tahom parir jitilqu ` l barra peress li fil-hanut kien hemm il-periklu. Il-perit kien ta l-parir li l-hanut jinghalaq. Inoltre kien tal-fehma li l-attur kellu jnehhi l-merkanzija mill-hanut peress li kienet qed timtela kollha trab.

Qal illi x-xogholijiet tal-konvenut gabu maghhom ingombru ta` ngenji u bricks tant li lanqas kien hemm access miz-zewg nahat ghall-hanut ta` l-attur. Minhabba dan kif ukoll bit-tqeghid ta` barrier tal-hadid bil-kelma “danger”, l-

attur ma setax jiggestixxi l-hanut bejn Gunju 2004 sa Marzu 2005. Il-hanut tal-attur ma setax jinfetah fil-perijodu in kwistjoni billi l-konvenut waqqa` l-post tieghu, li kien sovrappost ghal dak tal-attur, u rega` bena l-post mill-gdid.

Ighid illi l-konvenut ma hadimx b`kawtela u ma tax widien ghas-suggerimenti tal-Perit Attard. L-unici twavel li saru kienu dawk sabiex il-haddiema ta` l-konvenut setghu jimxu fuqhom halli jkunu jistghu jwaqqghu l-hitan tal-kmamar tat-tieni sular. Ibnu lanqas kien ippreparat biex imur go hanut iehor peress li hadd ma avzah li kienu ser isiru dawk ix-xogholijiet. Missier il-konvenut beda jwahhal fil-haddiema tal-konvenut u sostna li dak li kien qed jigri kien kollu tort taghhom ghax jaghmlu li jridu.

Qal illi l-attur kellu jnehhi l-merkanzija kollha mill-hanut u sab hanut iehor vicin sabiex ikun jista` jbiegh il-merkanzija minn dak il-hanut. Huwa kera dan il-fond alternattiv ghas-somma ta` Lm 20 kuljum. Haddiema tal-garr hadu parti mill-merkanzija fil-post mikri alternattiv, u l-bqija jittiehdu fid-dar tieghu gewwa Santa Venera sabiex ikunu jistghu jitnaddfu mit-trabijiet.

Qal illi waqt il-kostruzzjoni kien hemm merkanzija ta` l-attur li kienet spiccat minhabba ilma tax-xita li nizel fil-hanut tieghu u kkawza hsara f`xi floor lamps. Il-konvenut kien jaf bil-hsara u li l-hsara kienet irreparabbli.

Sostna illi minhabba li gralu, huwa kellu jghin lil ibnu finanzjarjament billi hallaslu l-business overdraft u l-home loan. L-imghax li hallas ghall-attur ghall-perijodu ta` bejn l-4 ta` Gunju 2004 sa Marzu 2005 ghandu jithallas mill-konvenut peress li gara kien kollu konsegwenza ta` l-agir tal-konvenut, li pogga lil ibnu fis-sitwazzjoni li ma setax jopera.

**<u>L-attur</u>** xehed huwa proprjetarju tal-fond Pisani Lights, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun.

Qal illi f`Mejju 2004, missier il-konvenut kien ipprova jikkonvincih sabiex ibiddel is-saqaf ta` naha ta` barra tal-hanut. Huwa ma accettax li jaghmel dan peress li kien gab lill-Perit Michael Attard xi sentejn qabel u dan kien qallu li s-saqaf kien ghadu tajjeb izda sabiex ikun hemm certezza, dak iz-zmien kien sar travu iehor. Missier il-konvenut offra li jbiddel is-saqaf a spejjez tieghu izda talbu biex jaghlaq ghal hmistax-il gurnata bla ma jikkumpensah xejn. Huwa ma setax jaghlaq fl-ahjar stagun tas-sena. Saret *site inspection* flimkien mal-periti rispettivi tal-partijiet fejn kien suggeriet li jsir saqaf falz bi twavel taz-zewg pulzieri sabiex meta jinhatt il-bini ta` fuq bil-krejn ma jkunx hemm perikolu ghan-nies li jkun hemm fil-hanut.

Xehed illi fit-3 ta` Gunju 2004, il-konvenut tella` zewg pilastri tal-bricks u ostakola konsiderevolment l-access ghall-bankina. Ghalkemm fakkar lill-konvenut fis-saqaf temporanju, dan baqa` ma sarx minkejja l-weghdiet tal-konvenut.

Qal illi sa Mejju 2005, l-access ghall-hanut tieghu baqa` kontinwament ingombrat b` xi trakk tal-gebel u/jew tal-haddiema. Kien hemm ukoll is-saqajn ta` krejn jostakolaw l-access ghall-hanut tieghu.

Stqarr illi fl-4 ta` Gunju 2004, huwa kien informa lill-haddiema tal-konvenut li kien qed jaqa` frak tat-tajn u zebgha sewda fil-hanut tieghu. In segwitu xxaqqaq l-ewwel xriek fil-proprjeta` tieghu. Huwa kellu jaghlaq il-hanut u mar ghand il-perit tieghu li avzah illi l-post kien perikoluz. B`kollox fl-4 ta` Gunju 2004, kienu nqasmu fuq in-naha tal-quddiem tal-hanut tlett xorok filwaqt li fil-kumplament tal-hanut kien hemm zebgha li waqghet mis-saqaf u frak tat-tajn. Ma tpoggewx twavel ; l-unici li kien hemm kienu dawk ghall-uzu tal-haddiema waqt il-lant tax-xoghol.

Spjega illi ftit tal-jiem wara huwa kien ikkuntattjat mill-kuntrattur tal-konvenut sabiex issir tiswija tax-xork miksura, izda huwa nsista li ssir laqgha bejn il-periti dwar x`kellu jsir. Intant huwa baghat ittra ufficjali lill-konvenut sabiex izommu responsabbli ghad-danni li kien qed isofri. Saret laqgha bejn il-periti aktar tard fejn kien miftiehem illi jinbidlu x-xorok u l-konvenut accetta li jhallsu l-kumpens li kien haqqu. Dakinhar stess ingabet gaffa bil-ktajjen li skont il-perit tieghu ma kinitx adegwata peress li ma kienx hemm wisgha bizzejjed biex il-gaffa tintuza komodament u fis-sigurta`. Kien ghalhekk li l-perit tieghu ssuggerixxa li l-ahjar ikun jekk ma jersaqx lejn il-hanut. Huwa qaghad fuq il-parir tal-perit tieghu u beda jnehhi l-merkanzija minn taht ix-xork li kienu inkisru fid-9 ta` Gunju 2004 ; il-merkanzija kienet diga` mimlija trab. Ix-xorok issewwew mill-haddiema tal-konvenut.

Qal illi sar rapport lill-Health and Safety Authority li ordnat it-twaqqif tax-xogholijiet peress li l-ezekuzzjoni tax-xoghol kienet qeghda ssir fil-periklu. Il-konvenut avvicinah biex ikompli jiftah il-hanut izda l-attur infurmah li ma setax jiftah il-hanut meta s-saqaf kien sar perikoluz, bi krejn kontinwament tiela` u niezla, bil-gaffa diehla u hierga mill-apertura tieghu, kif ukoll b`barrier li tostakola l-access ghall-hanut tieghu mill-bankina, u zewg trakkijiet ipparkjati quddiem il-bieb tieghu. Huwa cahad li f`xi hin kellu xi tabelli ghal shutdown tal-hanut. Huwa spicca billi kellu jikri hanut iehor u kellu jnaddaf il-merkanzija kollha bir-rizultat li wegga` dahru. Qal illi x-xhur ta` Mejju, Gunju u Lulju huma l-ahjar xhur peress li jkun hemm hafna fieri li jiehdu sehem fihom.

Stqarr illi kien anke dahal hafna ilma mis-saqaf tal-fond tieghu li ghamel hsarat fil-linef, fil-floorstands u fil-hitan tac-chipboard.

Qal illi meta tkellem ma` missier il-konvenut, dan tefa` r-responsabilita` fuq is-socjeta` ta` assikurazzjoni, izda din lilu qatt ma kellmitu u ghalhekk kellu jaghmel din il-kawza.

Stqarr illi huwa ma baqa` ma fetahx il-hanut peress li x-xogholijiet tal-konvenut *tefghuh il-bahar*.

Ipprezenta sett ta` ritratti sabiex juri kif kien maghluq l-access ghall-hanut tieghu.

Qal illi huwa kien qed jitlob il-hlas ta` danni ghal 243 gurnata (u cioe` bejn l-4 ta` Gunju 2004 sal-15 ta` Marzu 2005 eskluzi l-Hdud). Kien qed jitlob kumpens ta` Lm 30 ghal kull gurnata fl-ammont ta` Lm 7,290. Ippreciza illi mal-ittra ufficjali tas-26 ta` April 2005, huwa kien annetta prospett ta` danni u ndika l-figura ta` Lm 5,460.

Dwar il-garr ta` l-merkanzija mill-hanut in kwistjoni ghall-hanut alternattiv fil-Hamrun stess, huwa hallas Lm 123.90 u Lm 70.

Ghat-tindif, l-attur ighid li hallas Lm 1,121.

Qal ukoll illi l-hsara fil-floor stands tal-hanut kienet tammonta ghal Lm 373.56c.

Fisser illi huwa hallas id-drittijiet tal-perit tieghu l-Perit Michael Attard fl-ammont ta` Lm 100, kif ukoll spejjez legali (li ma jinkludux l-ispejjez tal-kawza) fl-ammont ta` Lm 150.

Biex jiehu r-ritratti u jizviluppahom huwa nkorra spiza ta` Lm 25.

Konsegwenza tal-agir tal-konvenut, huwa garrab telf fl-avvjament. Garrab ukoll danni fil-persuna tieghu minhabba bl-istrapazz qalqal dahru u llum ma jistax jerfa` aktar minn hames kilos.

Garrab ukoll telf finanzarju ta` Lm 2,500 peress li kellu jaghti skont ta` 35% biex ibiegh ix-xoghol malajr li bdiet issirlu hsara bit-trab.

Isostni li ghalkemm sab l-ghajnuna tal-genituri tieghu li tawh l-uzu ta` hanut iehor b`xejn izda huwa xorta wahda tilef hafna klijenti u x-xogholijiet irrovinaw n-negozju tieghu. Billi ma kellux introjtu missieru hallaslu l-overdraft u l-house loan fiz-zmien in kwistjoni.

Fil-**kontroezami**, l-attur xehed illi kollox beda fl-ewwel gimgha ta` Gunju 2004. Huwa kera l-hanut li jinsab 179, St Joseph High Street, Hamrun b`kera ta` Lm 20 kuljum biex ikun jista` jkompli jbiegh. Il-genituri tieghu tawh hanut iehor fl-indirizz 219, St Joseph High Street, Hamrun sabiex ikun jkun jista` juri l-bqija tal-merkanzija. Il-hanut li kera kien izghar u ghalhekk kellu bzonn iktar spazju biex ikun jista` juri l-merkanzija. Ghamel sforz biex ikompli in-negozju billi anke ha sehem go fiera f` Lulju 2004 u ohra f`Frar 2005 u gab tlett konsenji ta` xoghol fil-perijodu li hareg mill-hanut in kwistjoni.

Qal illi mal-hanut kellu store u garaxx fejn kien ipoggi l-karozza tieghu wkoll. Minkejja t-tentattivi li ghamel, fil-perijodu ta` bejn Gunju 2004 u Mejju 2005, il-bejgh ma kienx tajjeb bizzejjed u ghalhekk falla. Missieru kellu jhallaslu d-dejn. Meta mistoqsi x` sens jaghmel li zamm il-hanut maghluq minflok kompla jopera n-negozju, l-attur sostna li huwa kien ukoll wegga` dahru minhabba l-merkanzija li kien garr. Kien ilu fil-hanut sa minn mindu kellu 25 sena ; drabi ohra kien garr xi merkanizja izda mhux il-kwantita` kbira ghal distanza daqshekk twila li kellu jaghmel wara dak li nqala`. Ghalkemm il-Perit Grech kien irrilaxxja rapport fejn iddikjara li l-post kien sikur, huwa xorta rrifjuta li jiftah il-hanut peress li t-twavel qatt ma tpoggew fuq l-art biex jipprotegu s-saqaf.

L-attur stqarr illi l-figura ta` Lm 5,460 tirraprezenta telf ta` qligh ghall-perijodu bejn ta` bejn 4 ta` Gunju 2004 sa nofs Marzu 2005. Ighid illi huwa naqqas ghal din is-somma minn Lm 7,290 sabiex jimxi mal-parir ta` l-avukati tieghu biex izomm kemm jista` jkun l-ispejjez baxxi. Ghalhekk huwa kkalkola d-danni bejn Gunju 2004 sa Dicembru 2004. Wasal ghas-somma ta` Lm 5,460 wasal ghaliha billi qies il-valur lokatizju tal-hanut propjeta` tieghu. Huwa ma hax in konsiderazzjoni l-profitt li kien qed jaghmel mill-hanut l-iehor peress li huwa kellu jaghmel skont ta` 35% fil-merkanzija peress li kienet kollha trab.

L-attur kien rinfaccjat bl-abridged financial statements tal-kumpannija tieghu, mnejn kien jirrizulta li fl-2002 kien hemm qligh ta` Lm 2,738 waqt li fl-2004 kien jidher telf ta` Lm 1,465 fl-ewwel sitt xhur tas-sena. Huwa baqa` jinsisti fuq telf mill-hanut fl-ammont ta` Lm 5,460.

Qal illi huwa beda jnehhi l-merkanzija mill-hanut ghal habta ta` nofs Gunju 2004 izda kien ha biss kampjuni peress li x-xoghol l-iehor kien ittiehed fil-garaxx tad-dar tieghu biex jitnaddaf. Il-merkanzija li kien utilizza ghall-fiera kien hadha fil-post ta` 179, St Joseph High Street, Hamrun u fil-hanut ta` missieru. Mistoqsi kif fic-citazzjoni gie mnizzel li huwa zamm l-hanut maghluq bejn Gunju 2004 u Dicembru 2004, huwa sostna li wara Dicembru 2004, huwa xorta zammu maghluq peress li ma setax jiftah il-hanut minhabba it-trakkijiet u ingenji ohra.

Muri dokument V huwa spjega li r-rcevuta nharget f` isem Joseph Pisani Ltd liema socjeta` pero` ma tezistix. Dak kien zball. Ir-ricevuta nharget fuq missieru ghax huwa ma kellux flus. Ikkonferma li l-inkonvenjent spicca ghal habta ta` Marzu 2005. Huwa cahad li x-xogholijiet kienu tlestew sa Dicembru 2004. Qal illi l-hwienet l-ohra fit-triq baqghu miftuha peress li huwa biss kien il-hanut li kien taht u hdejn ix-xogholijiet. Insista li t-trakkijiet kienu jieqfu l-gurnata kollha u mhux filghodu kmieni jew wara nofsinhar. Ikkonferma li ma kienx ghadu hallas l-ispejjez inkorsi mal-Bad Boy Cleaners. Qal illi l-iskip li jidher fir-ritratt Dok M ma tellifx in-negozju tieghu peress li ma ghalaqx il-passagg ta` quddiem il-hanut oltre li kienu prekawzjonijiet sabiex ma jittajjarx trab.

**Maronia Psaila** mill-Kunsill Lokali Hamrun esebiet kopja tal-permessi ta` l-konvenut.

**Paul Grech** xehed illi huwa l-proprjetarju ta` hanut fl-istess triq tal-hanut tal-attur fejn biswit tieghu sar xoghol ta` kostruzzjoni. Huwa dahal fil-hanut ta` l-attur u ra xi zewg xorok miksurin. Waqt ix-xogholijiet kien hemm drabi, mhux ta` kuljum, li kienu pparkjati trakkijiet quddiem il-hanut ta` l-attur. F`dawk id-drabi, l-access ghall-hanut kien ikun limitat fis-sens li wiehed kellu jdur minn quddiem il-hanut tieghu biex jghaddi. Ix-xogholijiet damu ghaddejin madwar sitt xhur. It-trabijiet inqalghu waqt ix-xogholijiet izda huwa fetah u hadem. L-attur kien ilmenta mieghu dwar it-trab li ggib l-ghabra tal-gebel. Il-kuntrattur ma ghamilx protezzjoni partikolari sabiex ma jinfirix it-trab. Ma jafx l-attur nehhiex il-merkanzija ghalkemm ikkonferma li fejn tkissru ix-xorok, tnehhiet il-merkanzija minn tahthom.

Fil-**kontroezami**, Paul Grech xehed illi huwa jopera *pet shop* li jinkludi bejgh ta` annimali hajjin. Huwa qatt ma ghalaq il-hanut. It-trakkijiet qatt ma pparkjaw fuq il-bankina. B`referenza ghar-ritratt a fol 65, ighid li l-access ghall-hanut ta` l-attur ma kellux ostakoli. Ighid li ma jiftakarx jekk meta ntuza l-krejn, dan kienx bejn is-1.00 p.m. u l-4.00 p.m. Qal illi l-attur kellu hanut iehor bl-istess generu fi triq ohra zewg kantunieri boghod.

Fir-**riezami** Paul Grech stqarr illi f`xi stadji tax-xogholijiet l-access ghall-hanut tal-attur kien ostakolat minn naha tal-lemin tar-ritratt a fol 65. Qal li ma jafx il-kuntrattur kienx inaddaf it-triq wara x-xoghol.

**Il-konvenut** xehed illi f`Mejju 2004, missieru kien qed jghinu biex jirranga l-post tieghu. Qal illi missieru kien iltaqa` ma` l-attur fejn offrielu li jinbidel is-saqaf tal-hanut tieghu biex jigi msahhah peress li dak ezistenti kien wiehed qadim bix-xorok. Apparti l-ispejjez ta` kostruzzjoni li kellhom ikunu a kariku tal-konvenut, l-attur ippretenda li jithallas kumpens ghaz-zmien li kien se jaghlaq il-hanut kif ukoll ir-refurbishment tal-intern ta` l-istess hanut. Ma kienx hemm ftehim mal-attur.

Qal illi huwa ghamel kuntatt mal-perit tieghu u dan sab soluzzjoni billi haseb sabiex toghla filata u jsir saqaf iehor fuq dak ezistenti.

Stqarr illi appena beda x-xoghol, saret laqgha fejn kien prezenti l-attur u l-periti rispettivi. Sar ftehim li qabel ma jinghata s-saqaf il-gdid jitpogga shutter tal-injam biex jilqa` debris jew materjali li seta` jaqa` fuq is-saqaf il-qadim waqt ix-xogholiijet.

Fisser illi l-attur ma kienx ghadu avzah b`xi nkonvenjent jew problema. Innota li l-attur kien qed izomm il-hanut tieghu maghluq, pero` mhux il-hin kollu. Beda jiftah tard filghodu u jkun maghluq bejn nofsinhar u l-4.00 p.m. L-attur kien qed jopera minn hanut iehor vicin bl-istess generu ta` negozju. L-attur ghamel ukoll avviz sabiex fil-kaz li l-hanut sottostanti l-fond tieghu jkun maghluq, allura kellhom imorru l-hanut l-iehor.

Qal illi waqt li kienet ghaddejja l-kostruzzjoni, il-hanut tal-attur inghalaq u ma regax fetah ghan-negozju. Fl-4 ta` Gunju 2004, l-attur infurmah li sehh incident. Flimkien ma` missieru mar fuq il-post u raw li kienu xxaqqu xi tnejn jew tlett xorok. Huwa accetta minghajr pregudizzju li jsewwi dik il-hsara. Marru ufficjali tal-Health and Safety li waqqfu x-xogholijiet minhabba nuqqas ta` protezzjoni fir-rigward ta` gaffa zghira li kienet qed tintuza. Minn jeddu huwa kkummissjona *risk assessment* mnejn irrizulta li l-post tax-xoghol kien *safe*. Minkejja li ghadda r-*risk assessment* lill-attur, dan baqa` jirrifjuta li jiftah il-hanut tieghu. Fil-21 ta` Lulju 2004, l-ufficjali tal-Health and Safety rega` ghamlu spezzjoni u taw permess li x-xoghol seta` jkompli. Il-Perit Mario Grech baghat rapport fit-28 ta` Lulju 2004 fejn iddikjara li x-xogholijiet saru kif suppost u skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Health and Safety.

Stqarr illi f`Settembru 2004, induna li l-hanut ta` l-attur kien ghadu maghluq. Ftit wara l-attur cempillu u infurmah li kien diehel l-ilma mal-hajt fl-

entrata, pero` l-attur ma kienx awtorizza lil missieru u lil huh sabiex imorru jaraw x`kien gara. Aktar tard marru fuq il-post mas-surveyor ta` l-insurance u mal-perit tieghu, u saru t-tiswijiet fi ftit granet.

Insista li l-izvilupp li ghamel kellu l-permessi mehtiega. Huwa ta struzzjonijiet biex jinhatt jew jitghabba materjal bejn is-1.00 p.m. u l-4.00 p.m. u cioe` fil-hin meta l-hanut ta` l-attur ikun maghluq. Matul il-progett, it-triq inghalqet ghall-vetturi f`zewg okkazzjonjiet biss. Lanqas intuzaw ingenji kbar u dana fuq insistenza tieghu. Mill-ghaxar girien li kienu affettwati mix-xogholijiet, l-attur kien l-uniku li lmenta. Waqt li kien ghaddej ix-xoghol tieghu, kienu qed isiru xogholijiet kbar fit-triq, peress li kienu qed jithaffru trinek u jitqeghdu katusi bl-uzu ta` ingenji kbar. Il-Kunsill Lokali u l-Pulizija kemm-il darba marru fuq sit wara rapporti mill-attur, izda qatt ma sabu rregolaritajiet. Huwa kien ukoll kopert b`polza ta` assikurazzjoni.

Qal illi mhuwiex minnu li l-hanut tal-attur kien fil-periklu ; l-attur kera l-hanut darbtejn lil terzi bin-negozju ta` hwejjeg u l-inkwilini sostnew li ma kellhom bzonn jaghmlu l-ebda tiswijiet strutturali fil-post. Meta jipparkja t-trakk, il-parkegg kien isir f`kaxxa apozita u qatt fuq il-bankina. Il-konvenut insista li l-attur kien diga` beda jopera minn hanut iehor alternattiv qabel bdew ix-xogholijiet tieghu. Huwa talab mill-attur lista tal-merkanzija li gratilha hsara izda din il-lista qatt ma waslet. Missier l-attur ftit li xejn kien ikun prezenti fuq il-post u fil-ftit okkazzjonijiet li kien prezenti kien ostili ferm.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, il-konvenut xehed illi huwa beda x-xogholijiet fil-klinika tieghu f`Gunju 2004. Nehha parti minn binja ezistenti fuq wara, u saret rikostruzzjoni ghall-konversjoni tal-fond fi klinika dentali. Fit-tnehhija ta` parti mill-binja kienu tnehhew hitan interni u mhux soqfa. Qabel bdiet id-demolizzjoni, il-hanut kien diga` jkun maghluq ; infatti kien ikun hemm avviz biex meta jkun maghluq, il-pubbliku jmur f`hanut iehor fi High Street, Hamrun. Wara li bdiet id-demolizzjoni, il-hanut baqa` maghluq ghal parti taz-zmien tal-progett. Jaccetta li l-attur kien kellmu dwar problemi bix-xogholijiet u l-ingenji barra ; kellmu wkoll dwar riskji ghall-hanut tieghu. Huwa nforma lill-attur li ha direzzjoni minghand il-Health and Safety u mexa maghha. Fost il-mizuri li ttiehdu kien hemm protezzjoni ghas-saqaf bl-uzu ta` planki tal-injam.

Ikkonferma li huwa, missieru u l-perit tieghu kienu ta` spiss fuq il-lant u kienu sodisfatti bil-mizuri kienu ttiehdu. Il-planki ta` l-injam tpoggew fil-bidu net u mhux f`Awissu. Ix-xogholijiet damu minn Gunju 2004 sa Ottubru 2004. Il-permessi tal-kunsill relattivi ghal dati wara it-tmiem ta` 2004 kienu relatati ma` parkegg ta` vettura f` kaxxa bajda bi zmien ghal aktar minn siegha. Il-vettura kienet tintuza bhala mezz ta` fornitura tal-*finishes*. Id-demolizzjoni interna saret bl-idejn. Ikkonferma li kienu nqasmu xi xorok fil-fond tal-attur izda dawn

inbidlu mill-haddiema tieghu bi qbil mal-attur u taht is-supervizjoni tal-perit. Il-konvenut cahad li l-attur qatt tah lista ta` prodotti bil-hsara.

**Perit Mario Grech** xehed illi huwa kien inkarikat mill-konvenut fuq xogholijiet ta` rikostruzzjoni tal-fond 66, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun. Il-bini tal-konvenut kien sovvrapost in parti ghal bini ta` terzi. Is-saqaf tal-fond sottostanti kien mibni bix-xorok. Sar saqaf indipendenti mis-saqaf tax-xorok b`mod li bejn is-saqaf tax-xorok u s-saqaf il-gdid thalla spazju vojt. Intrama saqaf ta` l-injam taht is-saqaf il-gdid biex jipprotegi s-saqaf tax-xorok.

Qal illi waqt li kien ghaddej ix-xoghol, huwa kien infurmat li s-sid tal-fond ta` taht kellu tlitt xorok maqsumin ; ghalhekk saret laqgha mal-periti. Ippreciza li qabel beda x-xoghol, ma kienx hemm xorok maqsumin. Ix-xorok maqsuma nbidlu f`anqas minn gurnata xoghol. Huwa kien imur regolarment fuq is-sit u kien innota li l-hanut tal-attur ma kienx ikun miftuh. Il-fond jinsab fi triq traffikuza. It-triq inghalqet biss meta inghata l-konkos jew meta inhatt xi materjal ; darbtejn kollox. Meta ntrama l-iscaffolding, l-ghamar sar b`mod li ma jkunx ostakolat l-access ghall-hanut.

Stqarr illi fi Frar 2005 l-attur informa lill-konvenut li kien dahallu xi ilma. Huwa mar fuq il-post u rrilaxxja rapport li l-hsara kienet superficjali. Irrakkomanda li bhala tiswijiet is-saqaf tal-kamra ta` quddiem kellu jigi mkahhal u jinzebagh iswed, kif ukoll li jsir xi tizbigh u tikhil f`partijiet ohra tal-hanut. Qal illi l-Health and Safety Authority kienet waqfet ix-xogholijiet minhabba li l-gaffa li kienet qed tintuza kellha l-gabina tax-xufier zarmata. Ix-xoghol kompla wara li kienet rimedjata l-gabina tal-gaffa.

Fil-**kontroezami**, Perit Mario Grech xehed illi x-xoghol dam ghaddej minn Gunju 2004 sa Marzu 2005. L-ingenji li ntuzaw kienu *excavator* zghir, *crane, concrete pump, truck* u *concrete wagon.* Il-bankina ma gietx imblukkata. Il-hsara fil-fond tal-attur kkawzata mid-dhul tal-ilma kienet superficjali izda ma ma setax ighid jekk kienx hemm xi merkanzija li giet rovinata. L-istat tal-hanut kien wiehed ta` abbandun minkejja li qabel ma bdew ix-xogholijiet, il-hanut kien fi stat tajjeb. Ippreciza li ma kienx hemm relazzjoni bejn l-istat ta` abbandun tal-hanut u problemi li gew mix-xogholijiet. Kull meta l-kuntrattur kien ikollu bzonn ihott xi materjal, dan kien jaghmlu fil-hinijiet li l-hanut kien ikun maghluq. Ma jiftakarx li sar ftehim mal-Perit Attard biex jitpogga *temporary shutter* bhala prekawzjoni halli ma ssirx aktar hsara fis-saqaf tal-hanut.

**Christopher Hayes** xehed illi huwa tqabbad bhala *loss adjuster* ghal Allcare Insurance Agency Ltd biex jispezzjona l-fond 64 u 66 Triq Dun Nerik Cordina Peres, Hamrun. Ipprezenta rapport taz-zewg spezzjonijiet li ghamel.

**<u>Joseph Cuschieri</u>** xehed illi li huwa *health and safety consultant* kif ukoll *project manager* fil-bini. Kien avvicinat mill-konvenut u b`inkariku skont l-A.L. 27/2000 fil-progett ta` bini li kellu fil-Hamrun. Huwa ghamel supervizjoni tax-xoghol ghall-fini ta` sahha u sigurta` wara li kien hemm intervent mill-ufficjali tal-Awtorita` dwar Sahha u Sigurta`. Qal illi kienu ttiehdu l-mizuri necessarji sabiex ix-xogholijiet ikunu jistghu ikomplu wara li kienu twaqqfu mill-Awtorita`. Huwa hareg certifikat dwar il-kondizzjoni tal-bini mill-punto di vista ta` sahha u sigurta` tal-haddiema u ta` terzi. Fis-sit ma kienx hemm xi kundizzjoni partikolari ta` perikolu.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Joseph Cuschieri qal li mhuwiex cert jekk fl-*assessment* li ghamel kienx inkluz ukoll il-hanut ta` l-attur. Huwa kiteb ir-rapport wara li mar fuq is-sit. Il-konvenut ha l-mizuri kollha kif elenkati fir-rapport. Ix-xhud ikkonferma li vetturi u persuni jkunu *at risk* jekk ikunu qrib is-sit. Skont l-item 1e tar-rapport, kellu jkun evitat id-dhul ta` terzi fis-sit. Safejn jaf hu, il-hanut tal-attur kien maghluq meta kienu ghaddejjin ix-xogholijiet. Terzi dejjem setghu jghaddu fuq il-bankina quddiem is-sit hlief meta jkun qed jinhareg materjal mis-sit. Sostna li ma kienx hemm raguni ghala l-hanut kellu jinzamm maghluq minhabba x-xogholijiet tal-konvenut.

## III. <u>Ir-rapport tal-perit tekniku</u>

### 1) <u>Osservazzjonijiet</u>

Il-perit tekniku jaghmel dawn l-**<u>osservazzjonijiet</u>** :-

*A. Illi din il-kawza titratta talbiet tal-attur ghal hsarat materjali w kummercjali rizultanti minn xogholijiet maghmulin mill-konvenut go fond adjacenti w sovvrastanti l-hanut ta` l-istess attur.*

*B. Illi l-attur kellu hanut fejn kellu l-merkanzija on display u store adjacenti b` bieb fuq it-triq, li kienu konnessi internament.*

*C. Illi l-attur iddikjara li kellu jaghlaq il-hanut tieghu minhabba x-xogholijiet gol-fond tal-konvenut u l-ostakoli li nqalghu minhabba dawn ix-xogholijiet, fosthom l-ingombru tat-triq u l-bankina quddiem il-hanut kif ukoll it-trabbijiet li kkawzaw danni lill-merkanzija esposta fil-hanut.*

*D. Illi l-fondi in kwistjoni jinsabu fil-qalba tal-Hamrun, is-sit indikat bl-ahmar fuq is-site plan hawn taht ezebita, fi triq li hija 'one way' u wahda traffikuza, fl-istess triq jinsabu hwienet ohra kif ukoll residenzi.*

*E. Illi irid jittiehed in konsiderazzjoni li xoghol ta` restawr/tiswija/rikostruzzjoni f`sit simili, fejn ikun hemm bzonn tal-uzu ta` ingenji w apparat kif ukoll il-garr u fornitura ta` materjali konnessi ma` dawn l-attivitajiet, dejjem igib bhala konsegwenzi dawk l-inkonvenjenti kollha inkluz disturb tal-ambjent, trab, ingumbrar tat-triq ghal certu skopijiet ecc.*

*F. Illi biex jitaffu l-inkonvenjenti hawn fuq imsemmija jezistu set ta` regoli ben precizi fosthom il-proceduri ghas-sahha w sigurta` fuq is-sit tax-xoghol, il-permessi ta` parkegg ghal uzu ta` apparat bhal krejn, il-metodu ta` garr u fornitura ta` materjali w l-armar ta` scaffolding fuq il-faccati li jippermetti il-passagg fuq il-bankini sottostanti.*

*G. Illi madanakollu hawn fuq imsemmi, xorta wahda f` certi hinijiet u zminijiet jinqalghu dawk l-inkonvenjenti li wiehed irid iqis li ma jistghux jigu evitati bhal per ezempju li tinghalaq it-triq meta jkun qed jinhatt certu materjal jew minhabba attivitajiet specifici : skond il-Perit Grech it-triq inghalqet darbtejn tul iz-zmien tal-progett kollu.*

*H. Illi jirrizulta li l-hanut tal-attur ma sofrix minn xi hsarat tali li jirrenduh perikoluz, fost dawn il-hsarat kien hemm il-ksur ta` tlett xorok li ssewwew l-ghada w l-iskular ta` ilma f` zewg perijodi separati, li fuqu ttiehdu l-passi mehtiega.*

*I. Illi jirrizulta li l-attur iddecida li jaghlaq il-hanut in kwistjoni mal-bidu tax-xogholijiet u dan ghaliex deherlu li l-pubbliku ma setax jara jew jidhol fil-hanut tieghu : fil-fatt mar jopera minn hanut iehor b` kera ta` Lm 20 kuljum li jinsab ftit il-boghod minn dak in kwistjoni.*

*J. Illi l-attur kellu jnaddaf u jgorr il-merkanzija li kellu fil-hanut fi Triq Dun Nerik Cordina Perez ghal hanut l-iehor u li ha wkoll merkanzija fil-garaxx tieghu d-dar ghaliex il-hanut mikri kellu showroom space ta` biss 12 metri kwadri kontra l-50 metri kwadri tal-hanut tieghu fi Triq Dun Nerik Cordina Perez.*

*K. Illi jirrizulta li l-konvenut ha l-prekawzjonijiet kollha skont il-ligi w meta saru xi hsarat fil-hanut tal-attur, kien pront jordna li jsiru t-tiswijiet necessarji ; jirrizulta wkoll li ma ttiehdu ebda passi mill-awtoritajiet biex iwaqqfu l-progett tal-konvenut jew saru xi rapport li x-xogholijiet ma kienux qed isiru kif suppost.*

*L. Illi jirrizulta wkoll li hanut iehor, immedjatament adjacenti mal-fond tal-konvenut, xorta baqa` jopera matul il-progett.*

*M. Illi jirrizulta li l-progett kollu dam sejjem minn Gunju 2004 sa Marzu 2005 ; skond il-Perit Grech ix-xoghol ta` demolizzjoni w kostruzzjoni ha minn Gunju 2004 sa Dicembru 2004 ; il-kumplament tax-xogholijiet li jinkludu l-finishes u l-installazzjonijiet baqa` sejjer sa Marzu 2005, b`kollox ghaxar xhur zmien.*

*N. Illi jirrizulta li anke wara li spiccaw ix-xogholijiet kollha l-attur xorta wahda ma fetahx il-hanut tieghu ghax qal li n-negozju kien intilef u ma kienx finanzjarjament possibbli jkompli dik l-attivita`.*

*O. Illi jirrizulta li l-attur, waqt il-perijodu tax-xogholijiet, ha sehem f` diversi fieri konnessi ma` l-attivita` kummercjali tieghu.*

*P. Illi t-talba ghad-danni tal-attur kienet ibbazata fuq il-valur lokatizju tal-hanut maghluq ghal perijodu bejn Gunju 2004 u Dicembru 2004, 182 gurnata bit-tletin liri Maltin kuljum (Lm 30) ghal total ta` Lm 5,460 u mhux a bazi tal-qligh mitluf mill-attivita` kummercjali tieghu.*

**2) <u>Konkluzjonijiet</u>**

Il-**<u>konkluzjonijiet</u>** tal-perit tekniku kienu dawn :-

*I. Illi fl-opinjoni tieghu, jirrizulta mill-provi u dokumenti li l-attivita` kummercjali fil-hanut ta` l-attur giet effettwata mix-xogholijiet fil-fond tal-konvenut fis-sens li tali xogholijiet holqu minn natura taghhom inkonvenjenti kif diga` deskritti fil-paragrafi precedenti ;*

*II. Illi fl-opinjoni tieghu, jirrizulta li l-hanut tal-attur sofra biss hsarat materjali ta` natura mhux gravi w li fiz-zewg okkazzjonijiet dawn il-hsarat gew rimedjati fi zmien qasir mill-konvenut ;*

*III. Illi fl-opinjoni tieghu, jirrizulta mill-provi li l-hanut tal-attur qatt ma kien fi stat perikolanti jew li ma kienx hemm access ghalih mit-triq mill-pubbliku ;*

*IV. Illi fl-opinjoni tieghu jirrizulta mill-provi w dokumenti li, sabiex isiru t-tiswijiet mehtiega fil-hanut tal-attur rizultanti minn hsarat sofferti a kawza tax-xogholijiet tal-konvenut inkluz it-tnehhija w garr ta` merkanzija, il-hanut tal-attur kellu jinghalaq ghal zmien xahrejn, mhux necessarjament f` perijodu wiehed kontinwu ;*

*V. Illi fl-opinjoni tieghu il-valur lokatizju tal-hanut tal-attur fi Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun hu ta` EUR 12,750 (tnax-il elf seba` mija w hamsin ewro) fis-sena ibbazat fuq valutazzjoni tal-hanut fuq is-suq miftuh ta` EUR 170,000 (mija w sebghin elf ewro) u `return on capital` ta` 7.5% ghall-ezercizzju kummercjali.*

**3) <u>Piz probatorju</u>**

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe"** – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ( ara - "**Cauchi vs Mercieca"** – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Calleja *noe* vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; **`Attard vs Tedesco et`** - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u **"Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et"** (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta' Dicembru 2008).

Din il-Qorti tirribadixxi li l-*giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*" – ("**Bugeja et vs Muscat et" –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Din il-Qorti tirrileva **bhala fatt** illi wara li l-perit tekniku halef ir-rapport tieghu, l-ebda parti ma talbet il-hatra ta` periti teknici addizzjonali. Fil-fatt, sar eskussjoni mill-attur, segwita minn skambju ta` noti ta` osservazzjonijiet, u fl-ahhar saru sottomissjonijiet fil-fomm.

## IV. Risultanzi

Fil-kawza tal-lum, huwa evidenti li l-Qorti hija rinfaccjata b`verzjonijiet tal-fatti li huma konfliggenti u kontradittorji : fuq naha wahda, hem mil-verzjoni tal-attur li jsostni li huwa spicca fallut fin-negozju tieghu kagun tax-xogholijiet tal-konvenut billi kien sar perikoluz jiggestixxi n-negozju tieghu mill-hanut ghal perijodu twil ta` zmien ; min-naha l-ohra, hemm il-verzjoni tal-konvenut li jghid illi huwa mexa dejjem skont il-parir tal-perit tieghu u ta` esperti ohra li accertawh li x-xogholijiet tieghu ma kienux ta` periklu la ghall-attur u lanqas ghal terzi.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb et vs Gauci et**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

(ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – **PA/TM** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – **PA/PS** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – **PA/CC** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –

*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-

*… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju. Iżda f'każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-*

*pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Iżda dak li jgħodd f'kawża m'huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

Fis-sostanza, l-ewwel talba attrici hija talba ghal dikjarazzjoni ta` responsabilita` ghal danni. Huwa evidenti li l-kawza li fuqha tinsab imsejsa t-talba hija dik imputabbli ghal *culpa aquiliana.*

L-**Art 1030 tal-Kap 16** jistipola :

*Kull min jagħmel użu ta` jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b`dan l-użu.*

**L-Art 1031 tal-Kap 16** ighid :

*Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

**L-Art 1032 tal-Kap 16** ighid :

*(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax ilprudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta` disposizzjoni espressa talliġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta` prudenza, ta` diliġenza jew ta` ħsieb fi grad akbar.*

Ghall-fini tal-kaz in ezami, huma rilevanti l-principji ta` l-buon vicinat kif kienu trattati fil-gurisprudenza taghna mal-medda tas-snin.

Is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Gunju 1952 fil-kawza fil-kawza "**Giacomo Muscat vs Giuseppe Falzon**" kien tittratta azzjoni istitwita minn vicin kontra vicin iehor minhabba allegata molestja. Il-Qorti ghamlitha cara illi l-vicin ghandu jissaporti l-molestja li jarrekalu l-vicin, meta l-molestja ma tkunx gravi, u molestja ma tkun gravi, jekk ma teccedix il-limiti tat-tolleranza.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-appell fis-27 ta` Gunju 1955 fil-kawza "**Pio Bezzina vs Giacomo Galea**" inghad hekk :-

*… il-proprjetarju ghandu d-dritt li juza liberament mill-fond tieghu u li jaghmel fih dawk il-modifikazzjonijiet li jidhirlu konvenjenti, anki jekk b` hekk huwa jippriva lill-vicin minn xi vantagg, purche` ma jarrekalux molestja gravi. B` mod li, jekk din il-molestja … ma teccedix dak il-limiti ta` tolleranza li jikkostitwixxi l-vera mizura tal-bon vicinat, il-vicin ghandhu jsofri dik il-molestja u ma ghandux id-dritt jezigi c-cessazzjoni taghha u jitlob indennizz minhabba l-pregudizzju li tkun ikkagunatlu; imma jekk l-inkomodu lilu arrrekat ikun gravi, jigifieri ma jkunx facilment tollerabbli, dak l-inkomodu jkun ingust, u l-vicin jista` jezigi c-cessazzjoni tieghu.*

*Biex jigi stabbilit jekk il-molestja hijiex gravi, ghandhom jigu mehudin in konsiderazzjoni mhux biss in-natura tal-molestja imma anki l-pozizzjoni u d-destinazzjoni tal-fondi …*

Fil-kaz li tkun tirrizulta molestja gravi, sabiex konvenut ikun jista` jigi ritenut responsabbli ghal danni civili, l-attur irid jipprova n-ness ta` kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-event dannuz.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

Huwa wkoll accettat fil-gurisprudenza taghna illi "*l-kolpa fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**). Dan ifisser illi wiehed jehtieg jorbot l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mal-prevedibilita` ta' l-event dannuz ; "*prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Ikompli jinghad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-*culpa* : "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*"

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-11 ta` Dicembru 1967 fil-kawza "**Paul Laferla vs Comm. Edward Palmier noe**" jinghad :-

*Illi n-ness ta` kawzalita` hu fic-centru tal-problema tar-responsabbilita` civili, minghajr il-htiega f` dan ir-rigward (mhux biss fid-dottrina moderna tal-obbligazzjonijiet imma anki fil-logika) ta` distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik extra kontrattwali. Il-fatt additat bhala kawza tad-dannu jridu ikun il-kawza generatrici tal-istess dannu. Id-dannu jrid jintwera f` ness ta` kawzalita` mal-fatt kolpuz li fuqu tkun bazata domanda ghar-rizarciment.*

Dan premess, u in vista tal-mod kif tirrizulta dedotta l-ewwel talba, il-Qorti sejra tqis in-natura tad-danni reklamati u tizinhom fil-qafas tal-principji tal-*culpa aquiliana.*

L-atturi fil-kawza tal-lum huma l-konjugi Noel u Joanne Pisani, kif ukoll is-socjeta` Pisani Lights Company Limited.

Il-Qorti sejra tqis l-ewwel id-danni reklamati mill-atturi konjugi Pisani.

Issir riferenza ghal kuntratt ta` donazzjoni tal-4 ta` Frar 2002 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef li permezz tieghu Noel Pisani rcieva b`donazzjoni l-hanut de quo.

Mhuwiex kontestat mill-konvenut li hekk huwa l-kaz.

Fic-citazzjoni, l-atturi lmentaw li sofrew danni konsistenti fi hsarat fl-istruttura tal-hanut de quo u cioe` 64, Pisani Lights, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun u dana b`tort u negligenza tal-konvenut.

Din il-Qorti gharblet sew il-provi, inkluzi l-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku.

Fil-fehma taghha, assolutament ma kienx ippruvat li saret xi hsara strutturali jew xi hsara gravi fil-proprjeta` ta` l-hanut tal-attur.

Il-hsarat li saru waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet tal-konvenut kienu debitament rimedjati mill-konvenut stess *a tempo vergine.*

Mhijiex kontestata l-istqarrija tal-konvenut illi meta tkellem ma` terzi li krew il-hanut de quo, dawn stqarrew mieghu li ma kellhom bzonn jaghmlu l-ebda xogholijiet biex ikunu jistghu joperaw mill-hanut.

Fl-istess waqt, il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit tekniku li x-xogholijiet tal-konvenut, tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz, kienu l-kagun li l-attur garrab xahrejn *loss of rental value* tal-fond.

Il-Qorti sejra taghmel taghha l-kalkoli tal-perit tekniku, propju ghaliex taqbel illi x-xahrejn ghandhom jigu kkalkolati abbazi ta` €12,750 fis-sena ibbazat fuq valutazzjoni tal-hanut fuq is-suq miftuh ta` €170,000 u *return on capital* ta` 7.5% ghall-ezercizzju kummercjali.

Ghalhekk is-somma likwidata f`dan ir-rigward ghandha tammonta ghal €2,125.

Fid-deposizzjoni tieghu, Noel Pisani (u del resto – anke missieru – jirreferu ghal danni fil-persuna tieghu).

Il-Qorti tirrileva li ghajr ghal dak li xehdu Noel Pisani u missieru, l-atturi ma ressqu l-ebda prova **<u>oggettiva</u>** bhal certifikati medici jew dokumenti ohra li jevidenzjaw il-hsara fisika li garrab Noel Pisani minhabba l-garr tal-merkanzija resa necessarja - skont Pisani - minhabba n-natura tax-xogholijiet tal-konvenut. Ghal din il-Qorti **<u>dik</u>** kienet tikkostitwixxi l-ahjar prova, mhux l-istqarrija tal-attur u ta` missieru, anke jekk taht gurament.

Tajjeb jinghad ukoll illi fil-premessi tac-citazzjoni ma sar l-ebda accenn ghall-allegata hsara fisika mgarrba mill-attur. Ghalhekk anke l-pretensjoni ghal din ix-xorta ta` danni qeghda tkun respinta.

Nigu issa ghas-socjeta` attrici Pisani Lights Company Limited.

Tajjeb jinghad illi **in linea generali** huwa principju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni li "*l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara*" ("**Tufigno vs Micallef noe**", Qorti tal-Appell – Sede Civili - 23 ta' April 1965). Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerga' jitqieghed **ragonevolment** fl-istat li kien qabel sofra l-hsara. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz. Ghalhekk ir-risarciment ghandu jikkonsisti f'somma li **ragonevolment** twassal ghall-valur tal-utilitajiet mitlufa. (**"Galea pro et noe vs Gatt et"** – Qorti tal-Appell - Sede Civili – 24 ta' Novembru 1958 ; **"Zammit vs Calleja"** – Appell Inferjuri – 12 ta' Jannar 1977 ; "**Sant vs Borg" –** Prim` Awla tal-Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1979**).**

Din ir-regola tar-*restitutio in integrum* hija kwalifikata minn regola ohra li bhala bilanc torbot lid-danneggjat sabiex jadotta dawk il-mizuri kollha **ragonevoli** biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, u jekk jirrizulta li ma jkunx ha dawk il-mizuri, allura dak in-nuqqas tad-danneggjat ghandu jirrisolvi ruhu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni. Huwa wkoll principju tad-dritt li ghalkemm id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu **ragjonevoli** sabiex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, fl-istess waqt mhuwiex obbligat li jitghabba b'pizijiet sabiex jirreduci l-hsara. Il-kwistjoni ta' x'inhu *ragjonevoli* li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi materja ta' fatt li ghandha tigi konsidrata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut. (ara - "**Aquilina vs Schembri**" – Qorti tal-Appell [Sede Civili] - 24 ta' Jannar 1969 ; "**Xuereb vs Livick et**" – Qorti tal-Appell Inferjuri – 3 ta' Novembru 1956 ; **Kollez. Vol. XXXVII.I.478** u **Kollez. Vol. XXXVIII.I.249**).

Dan premess, jinghad fic-citazzjoni illi s-socjeta` attrici sofriet danni, u ghalhekk qeghda tintalab dikjarazzjoni ta` responsabilita` tal-konvenut, konsistenti minn : (i) telf ta` negozju mill-fond Pisani Lights, 64, Triq Dun Nerik Perez, Hamrun ; (ii) rimpjazzament ta` oggetti mixtrija ghall-hanut li ssaddew u/jew ma humiex tajbin aktar ghall-uzu ; (iii) kera ta` hanut alternattiv ; (iv) spejjez ta` transport ; (v) spejjez ta` perit u spejjez ohra ; u (vi) telf tal-avvjament ta` l-istess fond.

Il-fehma tal-perit tekniku kienet fis-sens illi ladarba x-xoghol ta` demolizzjoni u ristrutturar tal-fond sovrastanti dam sejjer minn Gunju 2004 sa Dicembru 2004, huwa ragonevoli illi sabiex saru t-tiswijiet mehtiega fil-fond inkluz it-tnehhija u garr ta` merkanzija, il-hanut kellu jinghalaq ghal zmien xahrejn, mhux necessarjament f` perijodu wiehed kontinwu.

Ghad-domandi in eskussjoni, il-perit tekniku wiegeb illi fil-fehma tieghu, ix-xahrejn kienu ekwivalenti ghal 30% taz-zmien ta` x-xogholijiet ta` twaqqigh u rikostruzzjoni rapprezentati z-zmien li l-hanut ta` l-attur baqa` maghluq.

L-atturi kkontestaw din il-konkluzjoni, u gabu l-argument illi x-xoghol dam sejjer sa Marzu 2005. Insistew li l-hanut ma baqax jintuza minhabba l-periklu, anke skont ic-certifikat tal-Perit Michael Attard tal-10 ta` Gunju 2004, u anke minhabba l-*stop notice* li hargu l-ufficjali tal-Awtorita` dwar is-Sahha u Sigurta`. L-atturi nsistew ukoll li fuq l-iskorta tar-ritratti esebiti u tax-xiehda moghtija, kellu jirrizulta li l-access ghall-hanut kien ostakolat u ghalhekk din hija raguni ohra ghalfejn ma setax jibqa` jopera l-hanut ghal matul il-perijodu kollu li fihom kienu qed isiru ix-xogholijiet.

Da parti tieghu l-konvenut sostna li mhuwiex minnu li l-hanut in kwistjoni thalla fi stat ta` perikolu jew li l-access ghalih kien b`xi mod ostakolat izda kien l-attur li, precedentement ghal dawn ix-xogholijiet, kien beda jopera minn band`ohra.

Abbazi tal-assjem tal-provi, din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-argumenti tal-atturi.

Ghal din il-Qorti, periklu huwa ta` xorta differenti ghal kollox minn inkonvenjent.

Fl-istess waqt fin-negozju, telf jista` jigi skaturit mhux necessarjament meta jkun hemm periklu izda anke meta l-pubbliku jkun soggett ghal inkonvenjent. Fid-dinja tal-kompetizzjoni, kollox ighin jew ifixkel l-offerta lill-pubbliku.

Il-Qorti trid tghid illi ma rrizultax illi kien hemm perikolu tant gravi li kien jimpingi fuq is-sigurta` ta` l-uzu tal-hanut in kwistjoni. L-i*stop notice* li harget l-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` kienet primarjament intiza ghall-harsien tal-persuni li kienu qed jahdmu fis-sit tal-konvenut bl-uzu ta` l-gaffa li kellha xi nuqqasijiet. L-*stop notice* ma kienx jikkoncerna l-hanut de quo. Fl-istess waqt kien hemm disturb u inkonvenjent mhux traskurabbli.

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li minkejja li l-atturi pprezentaw certifikati tal-perit taghhom u cioe` ta` l-Perit Michael Attard, dan il-perit ma tressaqx bhala xhud mqar sabiex jikkonferma bil-gurament ic-certifikati minnu rilaxxjati.

Din il-Qorti ma tarax li l-atturi ressqu provi kif trid il-ligi sabiex jippruvaw l-allegazzjoni taghhom li kellhom raguni altru milli valida sabiex jieqfu joperaw ghal kollox mill-hanut de quo fiz-zmien kollu ndikat minnhom.

Il-Qorti ma tistax teskludi li kienet l-intenzjoni tas-socjeta` attrici li ccaqlaq in-negozju taghha ghal band`ohra. Dan qed jinghad in vista tad-deposizzjoni tal-konvenut illi l-attur kien gia` qed jopera minn hanut iehor qabel bdew ix-xogholijiet in kwistjoni.

Jirrizulta illi fit-12 ta` Gunju 2004, is-socjeta` attrici kriet post iehor hekk kif jirrizulta minn Dok AVZ 2. Din il-Qorti ssibha kemmxejn stramba li f`temp ta` ftit granet, is-socjeta` attrici ssib tikri post iehor bil-ftehim tal-kera b`kollox. Li kieku l-Qorti kellha toqghod fuq in-norma jkollha tghid illi biex jinstab post ghal kiri adegwat, u tigi negozjata l-kera u l-kundizzjonijiet l-ohra, huwa process li jiehu ftit taz-zmien.

Il-Qorti mhijiex sejra toqghod fuq il-verzjoni tal-attur illi l-hanut ma setax jintuza ghaz-zmien kollu li semma hu ghax l-access kien imblokkat il-hin kollu. Diversi kien ix-xhieda, inkluz l-operatur ta` hanut immedjatament adjacenti ghall-hanut tas-socjeta` attrici, li taw konferma fis-sens illi l-bankini qatt ma kienu ostakolati. Fl-istess sens kienet ix-xiehda tal-konvenut, tal-perit tieghu u tar-*risk assessor* Joseph Cuschieri. Senjatament ghar-ritratti li pprezentaw l-atturi, ma ngabitx prova li dawn ittiehdu fil-hin li solitament kien ikun miftuh il-hanut ; lanqas ma ngabet xi prova dwar meta ttiehdu u ghal kemm hin damu f` tali post u pozizzjoni l-istess vejikoli. Dan qed jinghad fid-dawl tax-xiehda tal-konvenut u tal-perit tieghu li l-istruzzjonijiet dejjem kienu li x-xoghol li kien jinvolvi t-tqandil tal-materjal isir bejn is-1.00 p.m. u l-4.00 p.m. sabiex ma jtellifx in-negozju ta` l-attur.

Jerga` jigi ribadit li hlief ghax-xiehda tieghu u ta` missieru, l-attur ma ressaqx persuni ohra, imqar il-perit tieghu, sabiex isostni l-allegazzjoni tieghu li l-access ghall-hanut kien ostakolat il-hin kollu.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li minkejja li l-atturi nsistew li l-hanut kellu jibqa` maghluq sa Marzu 2005, fil-premessi tac-citazzjoni, jinghad li l-hanut inzamm maghluq bejn l-4 ta` Gunju 2004 sa Dicembru 2004.

Il-Qorti ma tistax taghti affidament lill-attur meta jsostni li huwa kien qed jippretendi hlas ghal danni ghal matul il-perijodu minn Gunju 2004 sa Marzu 2005 izda sempliciment qaghad fuq ix-xahar ta` Dicembru 2004 fuq parir ta` l-avukati tieghu sabiex ibaxxi l-pretensjonijiet tieghu halli jasal ghal soluzzjoni barra l-Qorti.

Il-fatt jibqa` li fic-citazzjoni kien iddikjarat li l-hanut kien baqa` maghluq sa Dicembru 2004 u t-talba saret f`dawk il-parametri. Ghalhekk il-Qorti sejra tqis il-fatti fid-dawl ta` dawk il-parametri.

Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit tekniku illi r-responsabilita` ghal danni tal-konvenut li gabu maghhom ix-xogholijiet ghandhom ikunu limitati ghaz-zmien ta` xaghrejn. Fil-kaz tas-socjeta` attrici, dan jammonta ghal xahrejn kera ghall-post alternattiv, il-Qorti sejra tillikwida s-somma ta` €2,888.42 (i.e. 62-il jum @ Lm 20 kull gurnata).

Il-Qorti tghid illi ma tressqux provi li juru li kien hemm danni ghal telf ta` negozju. Dan ma sarx fil-verita` ghaliex in-negozju tas-socjeta` attrici baqa` ghaddej mill-post alternattiv. Il-Qorti ma tarax li minn ezami ta` l-*abridged financial statements* jidher li l-attrici ghandha ragun fil-pretensjoni taghha.

Infatti jidher li fl-2001, il-qligh nett tas-socjeta` attrici kien ta` Lm 767. Fis-sena 2002 kien hemm qligh nett ta` Lm 2,738. Fis-sena 2003 kien qligh nett ta` Lm 1,287.

Huwa minnu li rrizulta li fl-2004, kien hemm telf ta` Lm 1,465 izda minn evalwazzjoni tal-provi prodotti, ma jidhirx li gie ppruvat li kien hemm ness dirett bejn it-telf ta` Lm 1,465 ghas-sena 2004 u x-xogholijiet ezegwiti fil-fond tal-konvenut.

Anzi bil-maqlub ta` dak sostna l-attur, fis-sens li n-negozju falla, fid-*Directors` Report* ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2014, ma sar l-ebda accenn ghal dan il-falliment, u addirrittura jidher li d-diretturi hassewhom konfidenti li "*that the level of activity will increase in the foreseeable future.*"

Ghaldaqstant il--Qorti mhijiex sejra tillikwida danni ghal allegat telf ta` negozju u ta` avvjament.

Nigu issa ghall-ispejjez tal-garr tal-merkanzija.

Is-socjeta` attrici tallega li nkorriet spejjez ghal garr ta` merkanzija fl-ammont ta` Lm 193.90c ekwivalenti ghal €451.66c (Dok V u Dok W a fol 138 u 139).

Dwar dawn l-ispejjez, il-konvenut gustament osserva li dawn iz-zewg dokumenti huma indirizzati u mahruga lil "Joseph Pisani Ltd", liema socjeta` (jekk tezisti, peress li skont l-attur din lanqas ma tezisti) hija ghal kollox estranea ghal dawn il-proceduri.

Rinfaccjat b`dan il-fatt, l-attur sostna li tnizzel Joseph Pisani Ltd peress li kien missieru li hallas ghaliex huwa ma kellux flus.

Anke li kieku l-Qorti kellha taghmel sforz u taghti affidament lill-attur, xorta wahda minn dawn id-dokumenti jidher li l-garr tal-merkanzija sehh fis-17 u fil-25 ta` Frar 2005, mentri skond ix-xiehda ta` missier l-attur u tal-attur, il-garr beda jsehh immedjatament f` Gunju 2004.

Ghalhekk il-Qorti mhijiex sejra taghti l-avvall taghha ghad-dokumenti pprezentati mill-atturi. Lanqas mhi sejra taghtihom konsiderazzjoni ghall-fini tal-komputazzjoni ta` danni.

Riferibbilment ghall-hsara fil-merkanzija, is-socjeta` attrici tavvanza l-pretensjoni illi saret hsara fi floorstands fl-ammont ta` €737.58c. Kienu pprezentati bhala prova d-dokumenti Dok Y,Z, Z1 u Z2 a fol 141 et seq.

Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li dawn id-dokumenti huma biss (i) tabella li giet ifformulata fuq karta *blank* u lanqas ma fiha l-ebda intestatura jew *headings* u (ii) estratti mehuda minn fuq l-internet. L-attur seta` pproduca dokumenti ahjar sabiex jipprova l-quantum tad-danni li allegatament garrab.

Dan premess, minkejja n-nuqqas ta` dokumenti aktar precizi, jidher illi fir-rapport ta` Christopher Hayes sar elenku tal-hsara :-

*"three free standing uplighters were standing just under the shutter housing and the outbreak of oxidisation coupled with the tell tale residue of dried water appear to confirm that these were soaked by the ingressing water and have been ruined."* (fol 195 tal-process).

Jidher ukoll li fix-xiehda tieghu, il-konvenut ukoll sostna li l-attur kien semmielu tali hsara izda skont hu, qatt ma nghata lista ta` dawn l-oggetti li kienu ddanneggjati. Il-konvenut la jidher li rrifjuta u lanqas jidher li accetta li jhallas ghal tali spejjez.

Il-Qorti ssib li saret il-prova ta` danni fi tlett bicciet ta` merkanzija.

Ghalhekk il-Qorti sejra tillikwida bhala danni ghal hsarat fil-merkanzija s-somma ta` Lm 373.56c (VAT inkluza) ekwivalenti ghal €737.58c ; din is-somma tidher li hija l-ammont li hallas l-attur biex xtara din il-merkanzija.

Ghar-rigward ta` l-ispejjez tat-tindif tal-merkanzija, l-attur talab is-somma ta` Lm 1,121 ghal spejjez ta` tindif tal-merkanzija skont l-inkariku lil *Bad Boy Cleaners*. Ipprezenta Dok X a fol 140.

Anke dwar dawn ix-xorta ta` danni, il-provi attrici huma karenti u konfuzi.

Id-Dok X mhuwiex ricevuta. Ghalhekk ma hemmx prova li effettivament sar il-hlas. L-attur isostni li kellu *quote* u li ghalkemm saru xogholijiet minn Bad Boy Cleaning Services Ltd, il-kont baqa` ma thallasx. L-attur naqas li jipproduci bhala xhud lil rapprezentant ta` Bad Boy Cleaning Services Ltd bhala prova li verament sar ix-xoghol.

Inoltre fil-*quote* hemm imnizzel illi ser ikun hemm *chandeliers to be dusted and wiped clean.* Madanakollu, fix-xhieda tieghu, l-attur insista li kien hu li naddaf il-merkanzija mmedjatament malli nbeda x-xoghol mill-konvenut. Qal ukoll li biegh hafna mill-merkanzija bi skont ta` 35%.

Il-Qorti ma tistax taccetta *quote* ghal tindif ta` merkanzija li tohrog f`Marzu 2005 meta allegatament il-merkanzija kienet diga` tnaddfet f`Gunju 2004.

Il-pretensjoni ghal din ix-xorta ta` danni qeghda tkun respinta.

Sar ilment dwar spejjez relatati ma` injam li xxarrab minhabba l-iskular ta` l-ilma.

Skont il-konvenut, huwa nkarika persuni biex jaghmlu x-xoghol rimedjali.

Il-konvenut mhuwiex kontradett.

Ghalhekk il-pretensjoni ghal din ix-xorta ta` danni qeghda tkun respinta.

Min-naha attrici, qed ikun pretiz rimbors ta` li thallas lill-perit u lill-avukat ta` fiducja.

Billi ma tressqu l-ebda dokumenti korraborativi, il-Qorti qeghda tirrespingi l-pretensjoni.

Rimbors iehor reklamat kien ghal spejjez ta` ritratti. Anke hawn il-pretensjoni attrici mhijiex sorretta bl-ahjar prova, u kwindi qeghda tkun respinta.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet, billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Riferibbilment ghal fejn tirrigwarda lill-atturi Noel u Joanne konjugi Pisani, tilqa` l-ewwel talba limitatament, billi tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghal danni fil-konfront taghhom biss ghat-telf ta` xahrejn valur lokatizju tal-fond 64 gia 26, Pisani Lights, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun.**

**Riferibbilment ghal fejn l-ewwel talba tirrigwarda lis-socjeta` attrici Pisani Lights Company Limited (C16916), tilqa` l-ewwel talba limitatament, billi tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghal danni fil-konfront taghha biss ghall-hlas ta` xahrejn kera ta` fond alternattiv ghall-fond 64 gia 26, Pisani Lights, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun.**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi Noel u Joanne konjugi Pisani s-somma ta` elfejn mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€2,125) bl-imghax legali b`effett mil-lum, u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` Pisani Lights Company Limited (C16916) s-somma ta` elfejn tmien mija tmienja u tmenin Ewro tnejn u erbghin centezmu (€2,888.42) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez ta` din il-kawza, tordna li l-ispejjez u drittijiet tal-perit tekniku jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attturi u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenut.**

**Ghall-bqija tal-ispejjez gudizzjarji, kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Abigail Camilleri**
**Deputat Registratur**